# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 1**

**Rikors Kostituzzjonali numru 60/2014 JZM**

**Ignatius Busuttil**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija u**
**l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fid-29 ta' Settembru 2016 li laqgħet talba tal-attur għal rimedju għax sabet li nkiser il-jedd tiegħu għal libertà ta' espressjoni mħares taħt l-art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostit-uzzjoni"] u l-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali [il-"Konvenzjoni"].

2. Il-fatti tal-każ kif ukoll it-talbiet tal-attur, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza li minnha sar l-appell:

> »L-ewwel eċċezzjoni
>
> »Fl-ewwel eċċezzjoni kien eċċepit illi l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent billi ma hemm xejn fil-premessi tal-azzjoni tar-rikorrent li jista' jiġi addebitat lilu.
>
> »L-art 181B tal-Kap. 12 jistabilixxi illi –
>
> > »(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :
> >
> > »Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> >
> > »(*a*) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-*Accountant Generali*;
> >
> > »(*b*) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;
> >
> > »(*ċ*) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
> >
> > »(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.
>
> »Huwa evidenti minn din id-disposizzjoni meta u fejn l-Avukat Ġenerali għandu jkun imħarrek.
>
> »Tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-lum mhuwiex każ fejn l-Avukat Ġenerali għandu jkun imħarrek. Infatti jirriżulta li l-ilment tar-rikorrent dwar allegat ksur tal-jedd tiegħu għal-libertà tal-espressjoni huwa dirett lejn l-aġir tal-membri tal-korp tal-pulizija fil-konfront tiegħu. Skont ir-rikorrent, bl-imġieba tagħhom il-membri tal-korp għamlu vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal-libertà tal-espressjoni, jedd protett bl-art. 41 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 10 tal-Konvenzjoni. Fl-istanza kif dedotta u promossa mir-rikorrent, l-Avukat Ġenerali ma jinkwadra mkien – lanqas indirettament. Huwa evidenti li l-istanza tar-rikorrent hija diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija għaliex fil-mansjonijiet tiegħu taqa' r-responsabilità oġġettiva għall-aġir tal-membri tal-korp. Għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur tar-rikorrent bl-esklużjoni tal-Avukat Ġenerali.
>
> »Il-qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Konsiderazzjoni dwar il-mertu

»1. Il-fatti fil-qosor

»a) L-ewwel inċident (4 ta' Awissu 2014)

»Fl-4 ta' Awissu 2014, ir-rikorrent kellu Inkontru l-*MEPA* ma' uffiċjal tal-awtorità u deherlu li kien ġie trattat ħażin. Għalhekk mar bil-karozza tiegħu lejn il-Berġa ta' Kastilja għax ried ikellem lill-Prim Ministru. Meta wasal fil-Pjazza ta' Kastilja, waqqaf il-vettura tiegħu ħdejn il-bankina ta' quddiem it-taraġ tal-berġa. Membru tal-korp tal-pulizija li kien għassa fil-post qal lir-rikorrent biex isuq minn hemm. Ir-rikorrent qal lill-pulizija li kien se jdum ftit tal-ħin biss, ħareġ mill-karozza, tela' t-taraġ ta' Kastilja u mar ikellem lill-membru tal-*AFM* li jkun għassa mal-bieb prinċipali tal-berġa. Dan ma ħalliex lir-rikorrent jidħol ġewwa u qallu li ried ikollu appuntament. Ir-rikorrent reġa' mar ħdejn il-karozza tiegħu u ra lill-pulizija ta' qabel jagħtih ċitazzjoni għal kontravvenzjoni ta' par-keġġ. Għalhekk ir-rikorrent mar u qagħad bilqegħda fit-taraġ ta' Kastilja. Il-pulizija pprova jqajjem lir-rikorrent, iżda dan irrifjuta. Waslu xi pulizija mill-Għassa tal-Pulizija tal-Belt u wara li r-rikorrent ċaqlaq il-vettura mar magħhom l-għassa. Wara xi ħin l-għassa mar lura għall-vettura u telaq.

»b) It-tieni inċident (5 ta' Awissu 2014)

»Fil-5 ta' Awissu 2014, ir-rikorrent reġa' mar Kastilja. Din id-darba mal-vettura tiegħu r-rikorrent waħħal numru ta' *posters* sabiex jipprotesta kontra l-aġir tal-*MEPA* fil-konfront tiegħu. Mar jipparkja fejn hemm l-istatwa ta' George Borg Olivier, u wara li ħareġ mill-vettura qagħad iserraħ magħha. Il-pulizija li kien hemm stazzjonat Kastilja qallu li kien qiegħed ipparkjat ħażin għaliex kien qiegħed fuq id-*double yellow line*. Għalhekk qallu biex ineħħi l-vettura minn hemm u r-rikorrent irrifjuta. Reġa' marru fuq il-post l-pulizija mill-Għassa tal-Belt li ħadu lir-rikorrent l-għassa. Wara li rrilaxxja stqarrija tħalla jitlaq.

»ċ) It-tielet inċident (8 ta' Awissu 2014)

»Fit-8 ta' Awissu 2014, ir-rikorrent reġa' mar Kastilja bil-karozza tiegħu, li kellha *posters* imwaħħlin ġo fiha u pparkja fejn kien ipparkja fil-5 ta' Awissu 2014. Il-pulizija li kien għassa ma' Kastilja reġa' mar fuq ir-rikorrent, u qallu li, għax kien ipparkjat irregolarment, kellu jneħħi l-vettura. Ir-rikorrent ħalla l-vettura fil-post. Dak il-pulizija ċempel l-Għassa tal-Belt, minn hemm waslu xi pulizija, u ħadu lir-rikorrent l-Għassa taħt arrest.

»Billi kien allegat min-naħa tal-pulizija illi r-rikorrent semmielhom li kien qiegħed jiġi trattat għal raġunijiet ta' saħħa mentali, ir-rikorrent ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u wara li kien invistat minn tabiba li kienet għassa ħarġet lir-rikorrent *referral ticket* biex l-għada jmur għal eżami l-Isptar *Mater Dei*. Ir-*referral ticket* inżamm mill-pulizija. Miċ-Ċentru tas-Saħħa, ir-rikorrent ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn kien interrogat mill-Ispettur Darryl Borg mill-Għassa tal-Pulizija tal-Belt u mill-Ispettur James Grech mis-*CID*. Ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija.

»Mill-kwartieri, ir-rikorrent ittieħed l-Isptar *Mater Dei* fejn kien invistat minn tabib tal-għassa fil-*Crisis Unit*. Wara li kien invistat u billi r-rikorrent ma riedx li tkun infurmata l-familja tiegħu, inħareġ *emergency order* u r-rikorrenti ttieħed l-Isptar *Mount Carmel*.

»Meta wasal *Mount Carmel*, ir-rikorrent kien invistat minn tabiba li kienet għassa li ammettietu l-isptar. Ġo *Mount Carmel*, ir-rikorrent ma rċieva l-ebda kura jew trattament. L-għada kien invistat mill-konsulent Dr Giorgio u wara dak l-eżami r-rikorrent kien rilaxxjat.

»L-ilment

»Ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi fil-mod kif kien trattat mill-pulizija ġarrab leżjoni tal-jedd fondamentali tiegħu tal-libertà tal-espressjoni kif imħares bl-art. 41 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 10 tal-Konvenzjoni.

»a) L-art. 41 tal-Kostituzzjoni

»Id-disposizzjoni taqra:-

> »"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu.
>
> »"(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –
>
> »(a) li jkun meħtieġ raġonevolment –
>
> »"(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika jew saħħa pubblika ; jew
>
> »"(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi ; jew
>
> »"(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,
>
> »"u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.

»Filwaqt li min-naħa tiegħu r-rikorrent isostni li kull ma għamel fit-tliet okkażjonijiet li mar fil-Pjazza ta' Kastilja, Valletta, kien jinkwadra ruħu fil-jedd li jesprimi l-fehma tiegħu fil-parametri tal-art. 41(1), min-naħa l-oħra l-Kummissarju tal-Pulizija jirribatti billi jgħid li l-membri tal-korp kellhom kull jedd skont il-liġi illi jaġixxu bil-mod kif għamlu mar-rikorrent għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku kif previst bl-art. 41(2); għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-art. 41(1) tal-Kostituzzjoni.

»… … … Fil-kawża tal-lum, mhux qed jiġi skrutinat b'mod ġenerali l-jedd tal-libertà tal-espressjoni fid-diversi sfumaturi tiegħu, iżda qiegħed

jiġi stabbilit jekk fil-fattispeċi ta' dan il-każ kienx hemm vjolazzjoni nkella le.

»… … …

»b) L-art. 10 tal-Konvenzjoni

»Id-disposizzjoni taqra:-

> »"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.
>
> »"2. L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura."

»Dak li indikat il-qorti aktar kmieni bħala l-parametri tal-ilment tar-rikorrent skont l-art. 41(1) tal-Kostituzzjoni u d-difiża tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-azzjoni tar-rikorrent abbażi tal-art. 41(2) tal-Kostituzzjoni jgħoddu għall-vjolazzjoni lamentata mir-rikorrent għall-art. 10(1) tal-Konvenzjoni u għad-difiża tal-intimat għal-azzjoni skont l-art. 10(2) tal-Konvenzjoni.

»… … …

»L-ewwel talba

»Sostanzjalment id-disposizzjonijiet ċitati aktar kmieni u li jħarsu d-dritt fondamentali tal-libertà tal-espressjoni, jinkludu d-dritt li persuna jkollha opinjoni, u li xxandar il-fehma tagħha mingħajr indħil mill-awtorità pubblika. Fl-istess waqt dan id-dritt huwa suġġett għal kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet skont dak li hu raġjonevoli u skont kif meħtieġ ġewwa soċjetà demokratika.

»Il-qorti sejra tqis l-imġieba tar-rikorrent u tal-membri tal-korp tal-pulizija fit-tliet ġranet in kwistjoni.

»Fl-ewwel ġurnata, u *cioè* l-4 ta' Awissu 2014, l-imġieba tar-rikorrent fl-assjem tagħha ma kenitx indikattiva ta' periklu għal xi ħadd. Li għamel dakinhar kienet kontravvenzjoni għaliex ipparkja fejn ma kienx permess. Il-fatt li qagħad bilqegħda fit-taraġ tal-Berġa ta' Kastilja aktar milli att ta' illegalità kien att ta' imprudenza motivat fir-realtà minn disperazzjoni. Kellux raġun ikun iddisprat inkella le mhijiex rilevanti. Sa dakinhar lanqas protesta ma kien għamel għaliex li ried ir-rikorrent dakinhar kien li jkellem lill-Prim Ministru – xejn aktar. L-imġieba tiegħu – anke forsi antikonformista tenut kont tal-*forma mentis* tal-poplu tagħna – ma kenitx tmur *oltre*. Meta l-pulizija qalulu biex iqum, hekk għamel, u ma għamel l-ebda forma ta' resistenza.

»Fit-tieni ġurnata, u *cioè* l-5 ta' Awissu 2014, din il-qorti tqis l-imġieba tar-rikorrent bħala forma ta' protesta silenzjuża fis-sens li pparkja l-karozza, ħareġ minnha, u qagħad jistrieħ magħha. Fil-vettura kellu l-

*posters* ta' protesta però ma jirriżultax li ħariġhom barra. Inċidentalment irriżulta li dawk il-*posters* ma kinux kontra l-Kap tal-Gvern u *cioè* l-Prim Ministru iżda kontra l-*MEPA*. Kien hemm reazzjoni mill-pulizija għaliex il-membri tal-korp intebħu li r-rikorrent kien l-istess persuna tal-jum ta' qabel. Din il-qorti ma tqisx li għal xi mument dakinhar ir-rikorrent ħoloq sitwazzjoni ta' riskju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà tal-pajjiż. Ir-rikorrent ried jipprotesta bil-mod li għażel hu fl-aktar post prominenti fil-pajjiż u *cioè the seat of government.* Billi bħall-jum ta' qabel ma kienx ipparkjat tajjeb, il-pulizija tat ordni lir-rikorrent biex iwarrab. Fil-verità t-tħassib tal-pulizija ma kienx il-parkeġġ ħażin. Ma kienx il-fatt li ngħata ordni u r-rikorrent ma qagħadx għal dik l-ordni għaliex altrimenti kienet toħroġ akkużi f'dak is-sens kontra r-rikorrent. L-interess tal-pulizija kien illi r-rikorrent ifittex iwarrab minn hemm għal mitt raġuni – li waħda minnhom però ma kenitx periklu għas-sigurtà.

»Fit-tielet ġurnata, u *cioè* t-8 ta' Awissu 2014, ir-rikorrent reġa' mar Pjazza Kastilja, u pparkja l-vettura. Din id-darba l-*posters* kienu mwaħħlin mal-karozza b'mod illi seta' jarahom kulħadd. U qagħad hemm. Il-*posters* kienu ta' protesta kontra l-*MEPA*. L-Ispettur Darryl Borg jixhed li kienet deċiżjoni tiegħu li r-rikorrent jiġi arrestat. Ir-raġuni għall-arrest kienet li r-rikorrent ma kienx obda l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija u *cioè* li jwarrab għaliex kien ipparkjat ħażin. Għal dik li hija miżura (*measure*) fl-imġieba tal-pulizija, tajjeb jingħad illi mhijiex in-norma li jkun hemm arrest ta' persuna għaliex ikun hemm parkeġġ ħażin u l-persuna tirrifjuta li twarrab. Jinsorġi għalhekk is-suspett illi l-arrest sar għaliex iva l-vettura ma kenitx ipparkjata tajjeb, iva x-xufier meta ordnat ma neħħiex il-vettura, iżda iva wkoll għaliex mal-vettura kien hemm imwaħħlin il-*posters* ta' protesta kontra l-*MEPA* minn tant postijiet quddiem l-uffiċċju tal-Prim Ministru! Għal din il-qorti l-assjem kien pretest sabiex ir-rikorrent ma jitħalliex jibqa' fuq il-post minħabba l-protesta tiegħu.

»Ikompli jingħad illi wara li safa arrestat, ir-rikorrent ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana għaliex *jidher* li r-rikorrent kien qed jirċievi kura għal depressjoni, fatt li *jidher* li stqarru r-rikorrent stess. Il-qorti tirrileva li ma rriżultat l-ebda relazzjoni bejn l-istat depressiv kontrollat tar-rikorrent (ara d-deposizzjoni ta' Dr Mark Xuereb) u l-aġir tar-rikorrent ġol-Pjazza ta' Kastilja. Għal aktar kjarezza, l-istat depressiv tar-rikorrent ma kien qatt ta' riskju għal ħadd, u b'ħadd, il-qorti tfisser – ħadd! Dr Scalpello taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana ma kienx dehrilha li r-rikorrent għandu jittieħed immedjatament l-Isptar *Mater Dei* jew l-Isptar *Monte Carmeli* minħabba l-allegata kondizzjoni tiegħu. Fil-fatt tagħtu *referral ticket* biex imur il-ġurnata ta' wara waħdu u mhux akkumpanjat mill-pulizija. Kienet deċiżjoni tal-pulizija li joħduh huma l-Isptar *Mater Dei* fl-istess ġurnata. Dak li ġara wara dan huwa konsegwenza ta' dak il-fatt u wieħed m'għandux jitfa' xi tort fuq it-tobba. L-*apice* ta' kollox kien dak li ġara l-Isptar *Monte Carmeli* fejn tħalla lejl u l-għada kien rilaxxjat għaliex ma kien jeħtieġ l-ebda kura.

»Il-qorti tiċċensura mingħajr riżerva l-kondotta tal-pulizija għaliex fil-verità beżgħet mill-protesta tar-rikorrent, u fittxet kull pretest sabiex ma tħallix lir-rikorrent jagħmel din il-protesta tiegħu. Marret mill-kwistjoni tal-parkeġġ ħażin sar-rikoveru għal kollox inutili – spejjeż tal-Istat – fl-Isptar *Monte Carmeli*. F'dan tal-aħħar, marret *oltre* għaliex ippreġudikat id-dinjità stessa tar-rikorrent. Id-dritt tal-protesta huwa parti

integrali mid-dritt għal-libertà tal-espressjoni – u hekk għandu jibqa' tutelat – mhux fil-prinċipju iżda għaliex hekk jesiġi l-aħjar interess tad-demokrazija ta' pajjiż.

»… … … il-qorti tagħmel enfasi fuq il-fatt illi sabiex ikun ġustifikat intervent li jinċidi fuq id-dritt għal-libertà ta' espressjoni trid issir il-prova – u l-prova trid tkun determinanti u konklussiva – li kien hemm periklu manifest għall-ordni u sigurtà pubblika, periklu li kien imminenti, u li ma seta' bl-ebda mod jiġi evitat. Jekk din l-prova tkun karenti, allura ikun hemm vjolazzjoni u ħadd m'għandu jġib 'il quddiem bħala skużanti tal-imġieba tiegħu l-pretest tal-ordni pubbliku. Fil-każ tal-lum, il-qorti terġa' tinsisti li ma jirriżultax li qatt kien hemm xi periklu għall-ordni pubbliku ta' xi xorta jew natura.

»Din il-qoti m'għandhiex l-iċken dubju li l-mod kif il-pulizija rreaġiet għall-imġieba tar-rikorrent qabżet kull limitu aċċettabbli ġewwa soċjetà demokratika fejn it-tħaddim tal-jeddijiet fondamentali tal-persuna mhux biss għandhom ikunu rispettati iżda għandhom isibu t-tutela li jim-meritaw għat-twettiq tagħhom b'tali mod illi m'għandhom qatt ikunu rinfaċċjati b'ħitan – tkun xi tkun in-natura ta' dawn il-ħitan!

»Għalhekk il-qorti sejra tilqa' l-ewwel domanda tar-rikorrent.

»It-tieni u t-tielet talbiet

»Fil-każ tal-lum, il-qorti hija tal-fehma li dawn iż-żewġ talbiet għand-hom jinġemgħu fi provvediment wieħed fis-sens illi, riskontrata l-vjolazzjoni, ir-rikorrent ]aqqu kumpens ġust u adegwat fil-kuntest tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ.

»Meta tqis il-ġrajja fl-assjem tagħha, in partikolari l-umiljazzjoni li kellu jgħaddi minnha r-rikorrent, partikolarment meta spiċċa ttieħed l-Isptar *Monte Carmeli* – meta rriżulta li ma kienx hemm ħtieġa – tgħid illi r-rikorrent għandu jingħata kumpens fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) għall-vjolazzjoni mġarrba.

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:-

»tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati;

»tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent.

»Tipprovdi dwar it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent billi tillikwida kumpens favur ir-rikorrent għall-vjolazzjoni li ġarrab tal-art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Għalhekk tordnal ill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrent kumpens għall-istess vjolazzjoni fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000).

»Tordna lill-intimati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.«

3. Minn din is-sentenza appellaw il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali b'rikors tat-13 t'Ottubru 2016, li għalih wieġeb l-attur fl-1 ta' Novembru, 2016.

4. L-ewwel aggravju huwa dwar id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li "tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati", fosthom għalhekk l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu. L-attur ma oġġezzjonax għal dan l-aggravju.

5. Fil-fatt huwa evidenti minn qari tas-sentenza appellata illi l-ewwel qorti aċċettat ir-raġunament tal-konvenuti dwar din l-eċċezzjoni u jidher li biss b'nuqqas ta' attenzjoni u bi svista sar żball fid-*decide* fis-sens li minflok laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u hekk ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju qabel ma ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra, l-ewwel qorti spiċċat biex ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

6. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju li ressqu l-konvenuti appellanti qiegħed jiġi milqugħ.

7. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> »Illi l-esponenti jħossuhom aggravati ukoll bil-fatt li l-ewwel onorabbli qorti laqgħat l-ewwel talba tar-rikorrent u sabet li ġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu sanċiti fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Huma tal-umli fehma li abbażi tal-provi prodotti, l-ewwel onorabbli qorti kellha tiċħad l-alleg-azzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti illum appellat kollha f'dan is-sens bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:
>
> »… … …
>
> »Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta illi:
>
> »Nhar it-Tnejn 4 ta' Awissu 2014: Ir-rikorrent appellat mar Kastilja għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00 *hrs*) sabiex ikellem il-Prim' Ministru wara laqa' li kellu mal-*MEPA* aktar kmieni dakinhar għaliex deherlu li ma ġiex trattat tajjeb. Kif jirriżulta mix-xiehda tal-appellat stess huwa pparkja fuq *yellow line* u mar PC 690 fuqu biex iċaqlaq il-karozza minn hemm iżda huwa xegħel il-*hazard lights* u rrispondieh 'kull ma ndum minuta'. Tela' t-taraġ ta' Kastilja fejn twaqqaf minn uffiċjal tal-*AFM* li nfurmah li ma jistax jidħol mingħajr appuntament. PC

690 xehed li reġa' qallu jressaq il-karozza iżda ma neħħihiex u minflok poġġa fuq it-taraġ ta' Kastilja. F'dik l-okkażjoni ħariġlu ċitazzjoni_talli ma ressaqx il-vettura li kienet ipparkjata ħażin. Spjega li ma jħallu 'l ħadd ipoġġi fuq it-taraġ ta' Kastilja għal raġunijiet ta' sigurtà u għalhekk talab lis-sur Busuttil iqum min hemm 'bqajt ngħidlu biex iqum minn hemm; sadanittant qed igħidli għax il-gvern ta' qabel ma għinux, għax dan m'għinux lanqas, u qalli wkoll li kellu xi problemi ta' saħħa mentali, u mbgħad bqajt ngħidlu biex iqum'. Peress li s-Sur Busuttil ma riedx iqum minn fuq it-taraġ ta' Kastilja u jneħħi l-karozza minn fejn kienet ipparkjata irregolarment, PC 690 ċempel l-Għassa tal-Belt, għall-assistenza. F'dik l-okkażjoni ma kienx hemm tabelli mal-karozza. Ftit wara li waslet il-karozza tal-pulizija li ġew mill-Għassa tal-Blet, fosthom PS 1114 Marlon Ħili li talbu jmur l-Għassa magħhom sabiex jiġi mitkellem bil-kwiet però fl-ebda ħin ma kien taħt arrest. L-appellat qam waħdu minn fuq it-taraġ, rikeb magħhom u mar l-għassa. PS 1114 xehed li f'dik l-okkażjoni l-appellat qallu bil-problemi tiegħu mal-*MEPA* u għalfejn xtaq ikellem lil Prim'Ministru u fost affarijiet oħra semmielu li kien ibati minn problema mentali u ma kienx qiegħed jieħu l-kura. PS 1114 xehed li huwa qatt ma' kien iltaqa' mas-sur Busuttil qabel. Sadanittant il-vettura tiegħu baqgħat quddiem Kastilja u filwaqt li l-PC 690 Kenneth Pace kien qiegħed jikkomunika mal-*orderly* tal-Belt biex jara jekk kienx ħa jsuqha xi ħadd jew tiġi ttowjatha, reġa mar ful il-post is-sur Busuttil u saq minn fuq il-post. L-appellat xehed li kien irrabjat, mar id-dar u mela l-karozza *posters* kif jidher mir-ritratti minnu eżebiti;

»Nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu 2014: l-appellat reġa mar Kastilja, din id-darba bil-karozza bil-*posters* imwaħħla u kif wasal quddiem Kastilja daqqlu l-*mobile*. Kif xehed huwa stess 'sintendi waqaft biex nir-rispondih, ġie uffiċjal tal-pulizija, qalli biex niċċaqlaq, għamiltlu hekk biex nurih li qiegħed fuq il-linja … kif qtajt u dan, erġajt soqt u mort fejn hemm it-*taxi stand* faċċata quddiem dak il-ġnien, u pparkjajt hemm: sibt post vojt fejn jipparkjaw it-*taxis* u pparkjajt hemm' minkejja li l-karozza tiegħu mhix *taxi*. Xehed li l-pulizija marru jċaqalquh minn hemm u għalhekk qegħad idur mar-*roundabout* u jieqaf f'postijiet differenti, dejjem f'postijiet fejn ma kienx permess li jieqaf. PC 710 u PC 322 xhedu li ġew imsejjħa fuq il-post għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00 *hrs*). Ikkonfermaw li talbu lis-Sur Busuttil jinżel l-Għassa tal-Belt biex ikellmuh u huwa aċċetta_li jinżel magħhom iżda fl-ebda ħin ma kien taħt arrest. Il-karozza tal-appellat tħalliet Pjazza Kastilja – ħallewha kif kienet u l-kuntistabbli xehdu li ħallewha kif kienet mingħajr ma missu xejn minnha. L-Għassa tal-Belt ġie mit-kellem mill-Ispettur Daryl Borg. Sakemm stennieh, l-appellant stess xehed li kiel u xorob u pejjep xi sigarett. L-Ispettur Daryl Borg kellmu għall-ħabta tas-sagħtejn neqes kwart ta' wara nofsinhar fl-uffiċċju tiegħu (13:45 *hrs*). L-Ispettur ikkonferma li s-sur Busuttil ma kienx arrestat f'din l-okkażjoni u ħadlu biss dikjarazzjoni dwar dak li r-rikorrent illum appellat stqarr miegħu … … … fil-preżenza ta' PC 780 li kkonferma l-istess u mhux *statement* kif riportat fis-sentenza appellata. Infurmat mis-subordnati tiegħu b'dak li kien ġara, huwa staqsa diversi domandi lill-appellat dwar l-akkadut, fosthom dwar il-problemi mentali li kien stqarr li kellu mal-PC 690 u PS 1114. L-appellat irrisponda 'Jiena kont inkellem lil Dr Mark Xuerab M.D. fejn iċċertifikani li qed inbati minn kundizzjoni mentali (skiżofrenija) fejn kien tani ukoll xi pirmli rigward dan'. L-appellat stess ikkonferma li ffirma din id-

dikjarazzjoni bla problemi ta' xejn għaliex 'kull ma hemm fl-i*statement* huwa sew, jien m'għandix oġġezzjoni u ffirmajtu'. Jirriżulta li sas-sagħtejn u għaxra ta' wara nofsinhar (14:10 *hrs*) kienu lesti, ingħata kopja tal-i*statement*. Effettivament, il-pulizija wassluh lura għall-karozza li kienet għada ħdejn Kastilja u saq minn hemm;

»Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awissu, 2014:

»Pjazza Kastilja

»Ir-rikorrent appellat reġa' mar bil-karozza bl-istess *posters* imwaħħlin mal-ħġieġ ħdejn Kastilja. PC 1073 ikkonferma li għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (9:00 *hrs*) waqfet il-karozza misjuqa mis-Sur Busuttil mar-*roundabout* – "kienet qed iżżomm xi *traffic* u mort biex ngħidlu jsuq minn hemmhekk ... din il-karozza kellha xi kartelluni magħha nsomma u dan; jien ma mortx minħabba l-kartelluni, mort għax waqaf fin-nofs u beda jżomm konġestjoni ta' traffiku. Tlabt lis-sinjur biex isuq għax qiegħed fin-nofs". Spjega li r-rikorrent appellat saq mar-*roundabout* u reġa' waqaf f'post fejn ma setax jipparkja. L-appellat stess ikkonferma li pparkja f'xi tliet direzzjonijiet imbgħad "spiċċajt l-istess fejn hemm it-*taxi stand* ... u wara l-istess ċaqalquni minn hemm ċaqalquni minn hawn, u noqgħod indur mar-*roundabout* jien. U mbgħad spiċċajt fejn it-*taxi stand* erġajt għax iċaqalquni minn post immur fl-ieħor, u spiċċjat". PC 3096 kien xogħol ma Pjazza Kastilja kollha u qal lil-PC 780 ikompli b'xogħolu mal-Uffiċċju tal-Prim'Ministru u li kien se jkellem lis-Sur Busuttil hu. PC 3096 xehed li s-Sur Busuttil beda jinsisti miegħu li ried "ikellem lill-Prim Ministru għax qal li saret inġustizzja tiegħu min-naħa tal-*MEPA*; aħna speċi f'dik il-biċċa xogħol ma tantx dħalna, biss għidnielu għax dan waqqaf il-vettura fetaħ il-bibien, kien f'nofs ta' triq, il-pjazza kienet għadha kif kienet sa ftit ilu bir-*roundabout* u beda jostakola xi ftit jew wisq it-traffiku dak il-ħin. Għidnielu biex isuq, beda jirrifjuta, ħareġ mill-karozza serraħ magħha, qalilna lili mhux ser tneħħuni minn hawnhekk sakemm jiġi l-Prim Ministru u bdejna nfehmuh. jippruvaw bil-kelma t-tajba kemm jien u kemm il-kollega tiegħi, u baqa' jirrifjuta. Kif rajt hekk, qalli jekk trid ħudli ċ-ċavetta, qalli u ħallini bi kwieti qalli għax jien m'inix qiegħed sew ta sieħbi. Għidtlu jiena mhux ser immissek, għidlu jien qed ngħidlek biss biex tneħħi l-vettura, fil-fatt ħriġtlu avviż ta' kontravenzjoni jien minn naħa tiegħi, għidlu tifhem li qed tostakolalna t-traffiku hawnhek ... U bqajt niddilja jien nipprova bil-kelma t-tajba, bil-kelma t-tajba, naf illi niftakar li ċaqlaq il-karozza minn postha, dar ir-*roundabout* u reġa ġie ħdejja, sewwa? Għax dan il-karozza, ta' min wieħed jgħidha din, din il-karozza ċaqlaqha hu, oriġinarjament l-ewwel ma kienx ħdejja ... assolutament ma stajtx nikkonvinċih biex iċaqlaq din il-vettura, sadanittant beda jakkumula daqsxejn traffiku dak il-ħinijiet, sejjaħt għall-assistenza l-kollegi tiegħi mill-Għassa tal-Belt ... jgħolli leħnu, jirrifjuta li jċaqlaq il-karozza, beda jgħidli li mhux qiegħed sewwa, sewwa? Beda jgħidli 'jekk trid neħħili inti l-karozza għax jien mhux ser inċaqlaqha minn hawnhekk', u kliem kontra l-*MEPA* u beda jinsisti l-ħin kollu jinsisti qalli 'jiena qabel jiġi l-Prim Ministru u nkelmu m'inix ser niċċaqlaq minn hawnhekk'". Ikkonferma li fl-ebda ħin ma neħħielu l-*posters* kif allegat mill-appellat "qalli 'ara ma tmisslix il-*posters*', għidtlu jien dawk ma jinteressawnix il-*posters*, għidtlu jien jinteressani li ma tħallilix il-vettura fin-nofs. ... niftakar li fetaħ il-bibien u l-*luggage booth* ukoll, ma nafx għal liema raġuni". In kontro-eżami ċaħad kategorikament kull allegazzjoni da parti tas-Sur Busuttil fis-sens li ħadlu jew misslu ċ-

ċwievet tal-karozza jew il-*posters*. Imbgħad marru fuq il-post l-uffiċjali mill-Għassa tal-Belt. PS 1114 ikkonferma li l-karozza ressaqha mal-ġenb is-sur Busuttil;

»L-Għassa tal-Belt

»Wara li pparkja fuq it-*taxi stand*, l-appellat ġie arrestat fuq ordni tal-Ispettur Borg u meħud l-Għassa tal-Belt. Mistoqsi in kontro-eżami, l-Ispettur Borg kategorikament innega li ordna l-arrest tas-sur Busuttil għaliex kien qiegħed jipprotesta kif allegat mir-rikorrent appellat. Huwa tenna li fl-ebda ħin ma waqqfu milli jipprotesta iżda avżah biex iżomm l-ordni. Peress li l-ġurnata ta' qabel s-sur Busuttil stess kien infurmah li kien qiegħed taħt il-kura ta' Dr. Mark Xuereb, l-Ispettur ta ordni sabiex jittieħed il-*Health Centre* tal-Furjana sabiex jiġi eżaminat. Ġie skortat minn PC 134 u PC 1023.

»Il-*Health Centre* tal-Furjana

»Hemmhekk ratu Dr Scalpello li rreferietu l-*outpatients* tal-isptar biex ikellem lil Dr Mark Xuereb l-għada. Dr Scalpello xehdet li kien huwa stess li semmielha li kien diġà qiegħed jara psikjatra, il-Psikjatra Mark Xuereb "u ma kienx baqa jmur għall-appuntamenti u ma kienx baqa' jieħu l-mediċini u jien spjegajtlu li jista' jkun li kellu xi ħsibijiet għax waqqaf il-kura u għalhekk forsi din kienet wasslet għal ċertu mġieba li l-ġulizija nnutat fih". Hi ppruvat iċċempel lil Dr Mark Xuereb però nzerta msiefer u minflok kellmet lill-konsultent tal-*outpatients* li ssuġġerixxa li s-Sur Busuttil imur l-isptar biex jaraħ tabib ieħor.

»Spjegat kollox lis-Sur Busuttil u fil-preżenza ta' PC 134 li kkonferma dawn il-fatti. Ftit wara telqu mill-*health centre*. Dr Scalpello xehdet li kollox skatta għaliex is-Sur Busuttil stess qalilha li kien taħt kura psikjatrika peress li hija proċedura normali li meta jkollhom pazjent li nqata' minn mat-tabib u waqqaf il-kura u forsi jkun hemm xi ħjiel li ġejjin xi sintomi jerġgħu jibagħtu lil dik il-persuna għand it-tabib tiegħu jew tabib ieħor li jkun *available*. Xehdet: "irranġajtlu għal appuntament l-għada mal-konsulent li kien se jinzerta xogħol; ma kienx ħa jkun Mark Xuereb imma fuq it-telefon kienu qaluli li nirranġawlek xorta u hu kien qalli li orrajt ikun għalih". Mistoqsija mill-avukat tar-rikorrent Busuttil jekk il-pulizija ippruvawx jissuġġerula li "hu jista' jkun miġnun" jew biex trriferieh lil xi psikjatra hija kkonfermat bil-ġurament li "le ma kinux ħadu inizjattiva fuq hekk". Kienet hi li ħadet interess li ċċempel il Dr Mark Xuereb għaliex ma kienet taf xejn fuq is-Sur Busuttil u meta ma setgħatx tkellmu għaliex kien imsiefer kellmet lill-konsulent tal-*outpatients* li ma tafx min kien u kien dak il-konsulent li ssuġġerielha li tirreferih bl-urġenza l-Isptar *Mater Dei*; madanakollu, fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li tirreferieh kienet esklussivament tagħha. … … …;

»Id-*Depôt* tal-Furjana

»Illi jirriżulta li minn hemmhekk l-appellat reġa ttieħed id-*Depôt* tal-Furjana. Fl-uffiċċju tal-Ispettur James Grech fil-*headquarters* tal-Furjana ngħata d-dritt tal-avukat li huwa rrifjuta kif ikkonfermat ukoll minn PS 426 u t-twissija bid-drittijiet kollha tiegħu u tteħditlu stqarrija liema stqarrija volontarjament għażel jiffirma … … … L-appellat stess xehed li qara dan l-i*statement* qabel iffirmah u wara ngħata kopja. Ir-rikorrent appellat ikkonferma ukoll l-istqarrija rilaxxata minnu fit-8 ta' Awissu 2014 u ikkonferma ukoll li hu stess kien informa lill-ispettur li kien taħt kura psikjatrika, li l-psikjatra kien tah mediċini però huwa

għażel li ma joħodhomx "għax ma narax li għandi bżonnhom". L-Ispettur Grech xehed li "Aħna kemm għamilnihielu ċara li jekk ħa jmur jipprotesta, jipprotesta skont il-liġi mingħajr ma jikser il-liġi għax jekk ma jobdix l-ordnijiet tal-pulizija huwa ksur ta' liġi, jekk joqgħod jippark-jat ħażin huwa kusr ta' liġi. Kemm għamilnihielu ċara li jekk jipprotesta jipproteta skont il-liġi. Ħadd ma qallu biex ma jipprotestax". Minn hemmhekk ittieħed *Mater Dei* dak il-ħin stess;

»L-Isptar *Mater Dei*

»Illi l-Isptar *Mater Dei* r-rikorrent ġie mitkellem minn Dr Sant li kien parti mill-*crisis team* tal-emerġenza li kkonkluda li l-appellat għandu jiġi rikoverat l-Isptar *Mount Carmel* u rreferieh dak inhar stess. It-Tabib Dr Kris Sant xehed li "meta bdejt inkellmu beda juri li qisu għandu dak li ngħidulhom ċertu ħsibijiet li qed jaħseb ħażin fin-nies; jiena rajt l-i*statement* ukoll li l-pulizija pprovdieli u fl-i*statement* kien hemm ukoll qisu ħafna diskors li jiddevja minn suġġett għal ieħor. Ma kellix biżżejjed informazzjoni dwar il-pazjent imma qalli li kien qed jarah il-Psikjatra Dr Mark Xuereb u kien għadu kemm bidillu xi mediċini xi ġimgħa qabel mingħalija, *very recently* jiġifieri, u bdejt nissuspetta li forsi isma' jista' jkun xi ħaġa relatata ma' *change in treatment*". Huwa talab lis-Sur Busuttil sabiex ikellem il-familjari tiegħu għal *collateral history* però l-appellat ma riedx jinvolvihom u Dr Sant kellu jirrispetta l-volontà tiegħu imma 'ma ħassejtx li huwa *safe* f'dak il-każ li nibagħtu lura d-dar'. Bħala prekawzjoni ħass li jkun aktar '*safe to observe for now* u ndaħħluh naqra l-isptar għal osservazzjoni mhux trattament'. Mistoqsi mill-qorti spjega ulterjorment "jista' jkun li kien ansjuż, imma aħna *Mount Carmel* ma jidħlux nies biss li jkunu skiżofreniċi jew psikotiċi. Aħna min ikun *depressed* u anke min ikun anzjuż. Jiġifieri aħna dak il-ħin flimkien mal-*crisis team* id-deċiżjoni li ħadna kienet purament *considering* il-fatt li m'għandniex biżżejjed informazzjoni fuqu, *considering* il-fatt li diġà kien qed jikkurah Dr Mark Xuereb bħala psikjatra, li ma riedx jinvolvi lil tal-familja meta jien għamilthielu ċara għedtlu isma' jekk jien ma jkollix informazzjoni mingħand tal-familja se jkolli nispiċċa nedmittjak l-isptar għax m'għandix biżżejjed informazz-joni u xorta baqa jinsisti biex lil tal-familja ma ndaħħalhomx". Mistoqsi jekk kellux xi pressjoni mill-pulizija irrisponda bil-ġurament tiegħu illi 'jiena d-deċiżjoni tiegħi ma ħadthiex għax hemm kont taħt *pressure* jew xi ħaġa. Jiena d-deċiżjoni tiegħi ħadtha *for observation, for the best interest of the patient and for the risk of others*'. … … …

»L-Isptar *Monte Carmeli*

»Ir-rikorrent appellat ġie akkumpanjat l-Isptar *Mount Carmel* bl-ambulanza u hemmhekk ġie rilaxxat mill-arrest. Mill-atti jirriżulta li daħal l-Isptar *Monte Carmeli* fis-sitta u għoxrin ta' filgħaxija (18:20 *hrs*). Kif daħal ġie *assessed* mit-tabib residenti *Mount Carmel*, Dr Donatella Gauci, u wara li ammettietu ċemplet lill-Dr Giorgio sabiex tinfurmah b'dan. Mistoqsija xi dijanjosi għamlitlu rrispondiet li "dijanjosi partikolari ma tistax tagħmilha f'sagħtejn jew f'siegħa u nofs li ddum tkellmu, trid tosservah pazjent. Dan il-ħin kien hemm affarijiet mhux ċerti u lanqas stajt nikkonfermahom ma' informazzjoni oħra għax hu ma xtaqx li ninfurmaw lil familjari tiegħu allura *tipo* widna waħda smajt. Jien dak il-ħin ma stajtx noħroġ b'dijanjosi dak il-ħin imma naħseb li kien jeħtieġ li jiġi osservat min-naħa tagħna". Peress li kien *out of hours*, Dr Giorgio idderiġa lil Dr Gauci żżomm lis-Sur Busuttil għall-osservazzjoni u li hu kien ser jinvistah l-għada. In eżami Dr Gauci

qalet li uffiċjal tal-pulizija li eskortaw lis-sur Busuttil issuġġerielha tirrikoverah; madanakollu, fl-istess waqt iddikjarat li bħala stat ta' fatt daħal *Monte Carmeli* permezz tal-*emergency order* b'dan illi, fil-fehma tagħha, peress li "l-karti kienu lesti", hija ma kellha l-ebda għażla ħlief li tammettieh. … … … Effettivament, fuq direzzjoni li ngħatat minn Dr Giorgio fuq it-*telephone, ż*ammet lir-rikorrent illum appellat under observation sal-għada filgħodu meta kellu jinvistah Dr Giorgio personalment;

»Nhar is-Sibt 9 ta' Awissu 2014: Għal-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (9:00 *hrs*) daħal Dr Giorgio biex jinvistah. Sadanittant, huwa kien biss *observation* u ma ngħatax trattament psikjatriku. It-Tabib Pierre Giorgio, *consultant psychiatrist on call* l-Isptar *Monte Carmeli*, spjega li ġie referut l-Isptar *Monte Carmeli* taħt il-*Mental Health Act* milll-*crisis team* tal-Isptar *Mater Dei* fit-8 ta' Awissu 2014. It-*ticket of referral* iffirmah Dr Kris Sant, *trainee psychiatrist,* u kien jgħid *fifty nine year old was being seen by Dr Mark Xuereb*; *in brackets* kien hemm *question mark schizophrenia non compliant to treatment for year. Multiple parallel delusions ...'.* Dr Giorgio xehed li 'kien normali fis-sens bniedem b'karattru forsi daqsxejn ribelluż' però ma kellux bżonn kura fit-tul u talbu biss jerġa' jaraħ darb'oħra *outpatients.* In kontro-eżami Dr Giorgio ikkonferma li ma kkonsultax ma' Dr Mark Xuereb l-ispeċjalist psikjatra li kien qiegħed isegwih preċedentement u li xi snin qabel kien ppreskrivielu xi mediċini għaliex ma ħassx il-ħtieġa. Kellem biss lis-Sur Busuttil u lit-tifel tiegħu. Dr Giorgio xehed li ma kienx hemm *file* dwar ir-rikorrent appellat *Mount Carmel Hospital* u sar jaf li kien qiegħed isegwih Dr Mark Xuereb għaliex qallu s-ur Busuttil stess. Dr Giorgio xehed li l-appellat ma kellux *schizophrenia* u konsegwentement ġie *discharged* dakinhar stess. Ħadu d-dar it-tifel tiegħu.

»Illi minn dak kollu huwa manifest li l-appellat qatt ma ġie vjetat millibertà tal-espressjoni iżda ġie biss ivvjetat milli jipparkja l-vettura tiegħu f'post fejn il-parkeġġ huwa vjetat ħdejn il-Berġa ta' Kastilja. Jirriżulta ukoll li l-appellat repetutament ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija sabiex ineħħi l-vettura tiegħu minn parkeġġ irregolari f'postijiet varji ta' Pjazza Kastilja fejn kien qiegħed jostakola t-traffiku u sabiex iqum minn fuq it-taraġ ta' Kastilja però fl-ebda ħim ma ġie imwaqqaf milli jipprotesta kif deċiż mill-ewwel onorabbli qorti. Minkejja li ġie mitkellem u mwissi nhar it-Tnejn 4 u nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu 2014, l-appellat kompla jippersisti b'dan l-aġir illegali sakemm fl-aħħar, fit-8 t'Awissu 2014, l-Ispettur Borg ma kellu l-ebda għażla oħra ħlief li jordna l-arrest tiegħu;

»Illi segwi għalhekk li l-appellat fl-ebda ħin ma ġie mċaħħad mill-libertà tal-espressjoni … … …;

»Illi l-bażi tad-deċiżjoni tal-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha kienet imsejjsa fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> »"Fit-tieni ġurnata, u *cioè* il-5 ta' Awissu 2014, din il-qorti tqis l-imġieba tar-rikorrent bħala forma ta' protesta silenzjuża fis-sens li pparkja l-karozza, ħareġ minnha, u qagħad jistrieħ magħha ... Billi bħall-jum ta' qabel ma kienx pparkjat tajjeb, il-pulizija tat ordni lir-rikorrent biex iwarrab. Fil-verità t-tħassib tal-pulizija ma kienx il-parkeġġ ħażin. Ma kienx il-fatt li ngħata ordni u r-rikorrent ma qagħadx għal dik l-ordni għaliex altrimenti kienet toħroġ akkużi f'dak is-sens kontra r-rikorrent. L-interess tal-pulizija kien illi r-

> rikorrent ifittex iwarrab minn hemm għal mitt raġuni – li waħda minnhom però ma kenitx periklu għas-sigurtà."

»Illi bir-rispett kollu, minn imkien ma jirriżulta li "fil-verità t-tħassib tal-pulizija ma kienx il-parkeġġ ħażin. Ma kienx il-fatt li ngħata ordni u r-rikorrent ma qagħadx għal dik l-ordni għaliex altrimenti kienet toħroġ akkużi f'dak is-sens kontra r-rikorrent. L-interess tal-pulizija kien illi r-rikorrent ifittex iwarrab minn hemm għal mitt raġuni – li waħda minnhom però ma kenitx periklu għas-sigurtà" u ma hemm xejn fil-provi prodotti li seta' jwassal għal tali konklużjoni;

»Illi mill-provi prodotti huwa ċar li l-appellat fl-ebda waqt ma ġie ostakolat mili jeżerċita d-dritt tal-espressjoni. Prova ta' dan hija ukoll il-ġrajjiet kif seħħew fl-4 ta' Awissu 2014. F'dik id-data ir-rikorrent ma kellu l-ebda kartelluni mal-karozza u ma marx Kastilja biex jipprotesta iżda biex ikellem lil Prim' Ministru. Anke f'dik l-okkażjoni, huwa ġie mwissi u mitkellem, għaliex ipparkja ħażin (u effettivament inħarġitlu *parking contravention ticket*) u għaliex ma obdiex ordnijiet leġittimi tal-pulizija. Isegwi għalhekk li l-kartelluni nfushom ma kellhom l-ebda piż fuq l-aġir tal-pulizija. Kif jixhdu l-provi "ma jinteressawnix il-*posters*, għidtlu jien jinteresani li ma tħallilix il-vettura fin-nofs" u "Aħna kemm għamilnihielu ċara li jekk ħa jmur jipprotesta, jipprotesta skont il-liġi mingħajr ma jikser il-liġi għax jekk ma jobdiex l-ordnijiet tal-pulizija huwa ksur ta' liġi, jekk joqgħod ipparkjat ħażin huwa ksur ta' liġi. Kemm għamilnihielu ċara li, jekk jipprotesta, skont il-liġi. Ħadd ma qallu biex ma jipprotestax".

»Illi l-ewwel onorabbli qorti kompliet tgħid hekk:

> »"Fit-tielet ġurnata, u *cioè* t-8 ta' Awissu 2014, ir-rikorrent reġa' mar Pjazza Kastilja, u pparkja l-vettura. Din id-darba l-*posters* kienu mwaħħlin mal-karozza b'mod illi seta' jarahom kulħadd. U qagħad hemm. Il-*posters* kienu ta' protesta kontra l-*MEPA*. L-Ispettur Darryl Borg jixhed li kienet deċiżjoni tiegħu li r-rikorrent jiġi arrestat. Ir-raġuni għall-arrest kienet li r-rikorrent ma kienx obda l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija u *cioè* li jwarrab għaliex kien ipparkjat ħażin. Għal dik li hija miżura (*measure*) fl-imġieba tal-pulizija, tajjeb jingħad illi mhijiex in-norma li jkun hemm arrest ta' persuna għaliex ikun hemm parkeġġ ħażin u l-persuna tirrifjuta li twarrab. Jinsorġi għalhekk is-suspett illi l-arrest sar għaliex iva l-vettura ma kenitx ipparkjata tajjeb, iva x-xufier meta ordnat ma neħħiex il-vettura, iżda iva wkoll għaliex mal-vettura kien hemm imwaħħlin il-*posters* ta' protesta kontra l-*MEPA* minn tant postijiet quddiem l-uffiċċju tal-Prim Ministru! Għal din il-qorti l-assjem kien pretest sabiex ir-rikorrent ma jitħalliex jibqa' fuq il-post minħabba l-protesta tiegħu."

»Illi b'kull dovut rispett, is-"suspett" surriferit tal-ewwel onorabbli qorti ma jammonta għal ebda prova fil-grad rikjest mil-liġi li setgħat wasslet għad-deċiżjoni tagħha. Effettivament ma hemm l-ebda fattwali li twassal għad-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti fis-sens li ir-rikorrent appellat ġie mċaħħad mid-drittijiet tiegħu tutelati bl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li d-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti hija żbaljata;

»Illi bla ħsara għall-premess, *dato ma non concesso* li r-rikorrent appellat ġie pprivat mill-libertàtal-espressjoni, mhuwiex minnu li ma kien hemm l-ebda theddida għal sigurtà nazzjonali jew sigurtà

pubblika jew possibilità ta' diżordni jew għemil ta' delitti. Il-mod kif żvolġew il-fatti fuq numru ta' ġranet inkluż id-dikjarazzjonijet li r-rikorrent ripetutament għamel b'mod volontarju mal-pulizija kienu jindikaw mod ieħor;

»Illi fid-deċiżjoni tagħha l-ewwel onorabbli qorti kompliet hekk:

> »"Ikompli jingħad illi wara li safa arrestat, ir-rikorrent ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana għaliex jidher li r-rikorrent kien qed jirċievi kura għal depressjoni, fatt li jidher li stqarru r-rikorrent stess. Il-qorti tirrileva li ma rriżultat l-ebda relazzjoni bejn l-istat depressiv kontrollat tar-rikorrent (ara d-deposizzjoni ta' Dr Mark Xuereb) u l-aġir tar-rikorrent ġol-Pjazza ta' Kastilja. Għal aktar kjarezza, l-istat depressiv tar-rikorrent ma kien qatt ta' riskju għal ħadd, u b'ħadd, il-qorti tfisser – ħadd! Dr Scalpello taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana ma kienx dehrilha li r-rikorrent għandu jittieħed immedjatament l-Isptar *Mater Dei* jew l-Isptar *Monte Carmeli* min-ħabba l-allegata kondizzjoni tiegħu. Fil-fatt tatu *referral ticket* biex imur l-ġurnata ta' wara waħdu u mhux akkumpanjat mill-pulizija. Kienet deċiżjoni tal-pulizija li joħduh huma l-Isptar *Mater Dei* fl-istess ġurnata. Dak li ġara wara dan huwa konsegwenza ta' dak il-fatt u wieħed m'għandux jitfa' xi tort fuq it-tobba. L-*apice* ta' kollox kien dak li ġara l-Isptar *Monte Carmeli* fejn tħalla lejl u l-għada kien rilaxxjat għaliex ma kien jeħtieġ l-ebda kura."

»Illi l-esponenti bir-rispett kollu jtennu li mhumiex kompetenti sabiex jiddeterminaw l-istat ta' saħħa mentali tar-rikorrent appellat u fl-ebda ħin ma ttentaw għamlu dan. Ix-xiehda tal-Psikjatra Dr Mark Xuereb dwar l-interpretazzjoni tiegħu tal-*forma mentis* tar-rikorrent waqt li kienu qed jiżvolġu l-fatti, fatti li hu ma jafx bihom personalment iżda li huma bbażati fuq il-verżjoni tal-fatti li rrakkontalu r-rikorrent – l-klijent privat tiegħu u mill-*media* – hija biss l-opinjoni tiegħu, mhux fatti. Lanqas ma huwa rilevanti l-fatt li Dr Giorgio rrilaxxah peress li ma kellux bżonn kura fit-tul ħlief li jmur darb'oħra l-*outpatients.* Bir-rispett kollu l-ewwel qorti ma kellha qatt tasal għall-konklużjonijiet suċċitati u tiċċensura mingħajr riżerva l-kondotta tal-pulizija a bażi ta' eżamijiet mediċi li segwew l-avvenimenti konċernati. Dak li kellha tara l-ewwel onorabbli qorti kien jekk il-pulizija, rinfaċċati b'sitwazzjoni simili u bid-dikjarazzjonijiet li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel magħhom, kienux qegħdin jaġixxu raġonevolment meta rreferewh għand it-tobba kif effettivament għamlu. Ir-risposta hija manifestament fl-affermattiv. Minn hemm id-deċiżjonijiet meħuda ma kinux tagħhom iżda eskluss-ivament tat-tobba kkonċernati;

»Illi f'dan l-isfond, l-esponenti umilment isostnu ukoll li l-ewwel onor-abbli qorti ma kellha qatt ssib li l-pulizija ippreġudikat id-dinjità tar-rikorrent llum appellat;

»Illi kif jirriżulta mill-atti, ossija mix-xiehda ta' PC 690, PS 1114, l-Ispettur Daryl Borg, PC 780, PC 3096, l-Ispettur James Grech kif ukoll PC 134, kien ir-rikorrent appellat stess li fuq medda ta' tlett ijiem stqarr ma' diversi membri tal-korp [li] Dr Mark Xuereb kien iċċertifika li kellu kundizzjoni mentali msejjħa skizofrenija u li hu "mhux qiegħed sewwa". Stqarr ukoll li l-imsemmi tabib kien ilu jsegwih mill-2011 u minkejja li kien ippreskrivielu "ħafna mediċini" huwa ma kienx joħodhom. Dan saħansitra jirriżulta mid-dikjarazzjoniji u mill-i*statement* rilaxxati mir-rikorrent fil-5 u fit-8 ta' Awissu 2014 rispettivament, liema

dikjarazzjoni u stqarrija jirriflettu dak li starr ir-rikorrent appellat kif jixhed huwa stess;

»Illi rinfaċċati b'din is-sitwazzjoni, fejn l-appellat kien qiegħed ripetutament imur kontra ordnijiet leġittimi tal-pulizija u fil-kuntest ta' dak li stqarr magħhom hu stess f'kull waħda mill-ġranet li matulhom żvolġiet din il-viċenda, li l-pulizija ħassew il-ħtieġa li jirreferu lill-appellat għal *check up* mediku in kwantu huwa fir-risponsabbilità tagħhom li jassiguraw ruħhom li persuna li tinsab arrestata tingħata attenzjoni medika fejn din tkun meħtieġa;

»Illi kif jirriżulta mill-provi, it-Tabib Dr Christine Scalpello tal-*Health Centre* tal-Furjana bil-ġurament tagħha kkonfermat li d-deċiżjoni li tirreferih *Mater Dei* kienet unikament tagħha wara li hija ċemplet il-konsulent ta' *Mater Dei* u kkonsultat miegħu. Minn hemmhekk l-appellat reġa ttieħed id-*depôt* tal-Furjana. Fl-uffiċċju tal-Ispettur James Grech fil-*headquarters* tal-Furjana ingħata d-dritt tal-avukat li huwa rrifjuta kif ikkonfermat ukoll minn PS 426 u t-twissija bid-drittijiet kollha tiegħu u tteħditlu stqarrija liema stqarrija volontarjament għażel jiffirma … … … L-appellat xehed li qara dan l-i*statement* qabel iffirmah u wara ngħata kopja. Ir-rikorrent ikkonferma ukoll l-istqarrija rilaxxata minnu fit-8 ta' Awissu 2014 u ikkonferma ukoll li hu stess kien informa lill-ispettur li kien taħt kura psikjatrika, li l-psikjatra kien taħ mediċini però huwa għażel li ma joħodhomx "għax ma narax li għandi bżonnhom". L-Ispettur Grech xehed li "Aħna kemm għamilnielu ċara li jekk ħa jmur jipprotesta, jipprotesta skont il-liġi mingħajr ma jikser il-liġi għax jekk ma jobdiex l-ordnijiet tal-pulizija huwa ksur ta' liġi, jekk joqgħod ipparkjat ħażin huwa kusr ta' liġi. Kemm għamilnihielu ċara li jekk jipprotesta jipprotesta skont il-liġi. Ħadd ma qallu biex ma jipprotestax". Minn hemmhekk, *in vista* ta' dik l-istqarrija kif ukoll ir-*referral* ta' Dr Scalpello, ir-rikorrent ittieħed *Mater Dei* dak il-ħin stess mhux kappriċċożament, kif deċiż mill-ewwel onorabbli qorti, iżda għaliex kien taħt arrest;

»Illi Dr Kris Sant, it-tabib *on duty Mater Dei*, li ħa d-deċiżjoni sabiex ir-rikorrent jiġi rikoverat l-Isptar *Monte Carmeli* taħt il-*Mental Health Act*, mistoqsi jekk kellux xi pressjoni mill-pulizija, bil-ġurament tiegħu ikkonferma li "jiena d-deċiżjoni tiegħi ħadtha *for observation*, *for the best interest of the patient and for the risk of others*";

»Illi mbgħad Dr Donatella Gauci staqrret li meta wasal *Mount Carmel* "Dan il-ħin kien hemm affarijiet mhux ċerti u lanqas stajt nikkonfermahom ma' informazzjoni oħra għax hu ma xtaqx li ninfurmaw lil familjari tiegħu allura *tipo* widna waħda smajt. Jien dak il-ħin ma stajtx noħroġ b'dijanjosi dak il-ħin imma naħseb li kien jeħtieġ li jiġi osservat min-naħa tagħna". Hija xehdet li bħala stat ta' fatt daħal *Monte Carmeli* permezz tal-*emergency order* li kien diġa ħareġ minn *Mater Dei* u skont hi Dr Giorgio biss seta' jwaqqa' dak l-ordni peress li t-tabib li kien ħarġu kien fuq l-istess livell tagħha u għalhekk ried ikun xi ħadd *senior* biex iwaqqa' dak l-*emergency order* b'dan illi, fil-fehma tagħha, peress li "l-karti kienu lesti" hija ma kellha l-ebda għażla ħlief li tammettih. Meta ċemplet lill-Dr Giorgio huwa qalilha żżommu *under observation* u li kien sejjer jaraħ hu l-għada filgħodu. Din id-direzzjoni ngħatat f'kunverżazzjoni telefonika li l-pulizija ma kinux parti minnha;

»Illi abbażi ta' dawn il-provi huwa manifest li mhuwiex minnu li l-appellant ġie mċaħħad mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni bi vjolazzjoni tal-

artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea kif deċiż mill-ewwel onorabbli qorti li ma kellha qatt tasal biex tiddeċiedi illi "l-mod kif il-pulizija rreaġiet għall-imġieba tar-rikorrent qabżet kull limitu aċċettabbli ġewwa soċjetà demokratika fejn it-tħaddim tal-jeddijiet fondamentali tal-persuna mhux biss għandhom ikunu rispettati iżda għandhom isibu t-tutela li jimmeritaw għat-twettieq tagħhom b'tali mod illi m'għandhom qatt ikunu rinfaċċjati b'ħitan – tkun xi tkun in-natura ta' dawn il-ħitan!"«

8. L-attur wieġeb hekk:

»Id-dritt għal-libertà ta' espressjoni ma jistgħux jiġu miċħuda qatt u jistgħu jkunu suġġetti għal formalitajiet biss f-ċirċustanzi partikolari li jkunu fl-interss tas-sigurtà nazzjonali, integrità teritorjali jew sigurtà pubblika biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew protezzjoni ta' reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddiehor. Fil-każ in eżamini ma jirriżulta li ma kien hemm ebda waħda min dawn iċ-ċirkustanzi għax bħala fatt l-esponenti hawn appellat ma seta' qatt jikkawża xi waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi għax bħala fatt mar waħdu, kien paċifiku lanqas kien qiegħed isemma' lehnu u ma ġabx ruħu ħażin lanqas meta ġie mwaqqaf jagħmel dak illi kienet dritt fundamentali tiegħu. Bir-rispett kollu, l-appellant lanqas biss ġab ġustifikazzjoni għal dan l-indħil ħlief li l-appellat ipparkja l-vettura tiegħu f'post fejn ir-parkeġġ huwa vjetat. Għal dan ir-raġuni skond l-appellant il-puliziia kienu ġustifikati illi jordnaw l-arrest tal-appellat. Li ma jsemmix l-appellant huwa li-esponenti mar speċifikament biex jipprotesta u dan il-pulizija kienu jafu għax mar f'tliet okażjonijiet differenti u kull darba l-esponenti għamilha ċara li l-unika ħaġa li ried huwa li jipprotesta sakemm jiġbed l-attenzjoni tal-Prim Ministru jew xi ħadd f'xi kariga għolja. L-appellant jonqos milli jara l-estrem illi marru l-pulizija ħalli jżommu lill-esponenti milli jagħmel protesta li kienet bl-aktar mod paċifiku.

»Illi fil fatt fl-ewwel ġurnata, wara li l-pulizija kienu taw ċitazzjoni lill-esponenti talli ipparkja ħażin l-esponenti poġġa fuq it-taraġ ta' Kastilja u talli għamel hekk il-pulizija beda jiġbdu u għax baqa' hemm ġew bejn ħames u sitt pulizija u ħadu lill-esponenit l-Għassa tal-Belt u wara għaxar minuti ħallewh jitlaq. Iżda flok neħħew il-vettura li suppost kienet l-aktar ħaġa li kienet qiegħda tinkwieta l-puliziia neħħew lill-esponenti allura waqqfu r-protesta. L-għada l-esponenti waħħal *posters* ta' protesta fuq il-vettura tiegħu proprju sabiex jattira l-attenzjoni tal-Prim Ministru jew ministru u reġa' mar quddiem Kastilja. Hawnhekk il-pulizija qalulu biex imur jipprotesta quddiem il-*MEPA* u għax baqa' hemm arrestawh u reġa' ħaduh l-Għassa tal-Belt fejn dewmuh sagħtejn u nofs u wara li ħadulu l-istqarrija telaq u mar għal karrozza li fil-fatt kienet għamlet dan il-ħin kollu quddiem Kastilja wkoll minkejja li l-pulizjia insistew li ma setax iħalli l-vettura hemm lanqas għal ftit minuti. Tlett ijiem wara rega' mar quddiem Kastija biex jerġa' jeżerċita d-dritt tiegħu ta' espressjoni u din id-darba ġie arrestat u qabel ma niżżlu lill-esponenti l-Għassa tal-Belt ġiegħlu lill-esponenti jċaqlaq il-karrozza u jpoġġiha fil-kantuniera ma Triq Merkanti u gegħluh ineħħi l-*posters*. Din hija konferma ċara illi lanqas il-karrozza ma kienet qiegħda ddejjaq il-pulizija għax fejn ġegħluh ipoġġiha kienet ukoll ta' ostakolu, iżda l-aktar li dejqithom kienet il-*posters* għax

ġegħluh ineħħihom qabel ma ħaduh l-għassa għax fil-fatt il-vettura baqgħet hemm sakemm kien l-esponenti li mar ineħħiha. Wara li ma rnexxilhomx mal-ewwel tabiba tal-*polyclinic* marru jfittxu tabiba oħra u wara pressjoni u gideb lit-tobba diversi li mill-pulizija l-esponenti ġie mibgħut L-Isptar *Mount Carmel* għal tlett ijiem. Wieħed jista' jara li fil-fatt l-inkwiet tal-pulizija ma kinitx il-karrozza iżda kienet il-persuna li kienet qiegħda tipprotesta għax fil-fatt għalkemm arrestaw lill-appellat il-karrozza ma tneħħietx.

»Illi hawn *si tratta* ta' protesta li saret minn persuna li kien proprju waħdu, u b'mod silenzjuz eżerċita d-dritt tiegħu il jmur jipprotesta quddiem Kastilja sempliċiment billi kellu *posters* imwaħħlin mal-karrozza u tant ma kienx hemm raġuni li jigi mwaqqaf għax kull ma għamel ipparkja u straħ mal-karrozza u ikkopera mal-pulizja li kollha xehdu li kien kalm u obda kull ordni tal-pulizija. Izda il-pulizija żammewh milli jeżerċita d-dritt tiegħu tal-libertà tal-espressjoni u arrestawh u ħaduh l-għassa tal-pulizija tal-Belt. Imbagħad umiljaw li ħaduh l-ewwel il-*polyclinic* tal-Flurjana u wara għalkemm ġie riferut għal *Mater Dei* bħala *outpatient* għall-għada, il-pulizija ħassew li kell-hom ikunu huma li jiddeċiedu li jeħduh *Mater Dei* minnufih u ma jis-tennewx sal-għada. Lit-tabib ta' *Mater Dei*, Dr Kris Sant, il-pulizija għamlulu pressjoni u saħansitra gidbulu għax fix-xiehda tiegħu jgħid li l-pulijzia kienu qalulu li l-appellat kien ipprova jattaka lill-President u kien ser isuq wara l-President li bħala fatt ma irriżulta minn mkien u fl-ebda xiehda tal-pulizija li xehdu quddiem l-ewwel onorabbli qorti. Fin-noti li l-istess tabib kiteb sabiex l-appellat jiddaħħal *Mount Carmel*, it-tabib igħid illi *driving after President* u li kien *currently under arrest section under emergency order*. Meta t-tabib ġie mistoqsi jekk kienx hemm pressjoni mill-pulizija minħabba li qalulu fuq il-President qal li seta' kien hemm ftit tensjoni u fil-fatt għamel karta biex imur *Mount Carmel* għal tlett ijiem. Diversi tobba li xehdu stqarru li kien hemm pressjoni mill-pulizija ħalli l-esponenti jinżamm *Mount Carmel*. Dr Scalpello li kienet l-ewwel tabiba li rat lil-esponeti fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Flurjana fil-fatt kienet għamlet il-*mini mental state test* li rriżulta li kien kollox normali iżda għamlet appuntameni għall-esponenti għal *Mater Dei* għall-għada bħala appuntament *out-patient* u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni għalfejn il-pulizija kellhom jieħdu lill-esponenti *Mater Dei* proprju dakinhar imma fil-fatt hekk għamlu. Dr Giorgio li kien il-konsulent xehed illi wara li invistah l-għada filgħodu ma seta' jsib l-ebda sinjal ta' mard mentali serju; jiġifieri ma setax jifhem għaliex kien hemm u b'hekk kien rilaxxat dakinnhar stess.

»Illi x-xiehda tal-pulizija Marlon Hili PS 1114 jgħid li ċempillu PC 1073 li kien hemm persuna qiegħda tipprotesta quddiem Kastilja. Hawn tidher ċara x'kienet il-prejokupazzjoni tal-pulizija għax kieku PC 1073 ma kienx jgħid li hemm persuna tipprotesta quddiem Kastilja iżda li kien hemm xi ħadd ipparkjat ħażin. Skond l-istess PS 1114 l-esponenti kien qiegħed jagħmel protesta silenzjuza u in kontro-eżami jgħid li jista' jkun li qal lill-esponenti sabiex ineħħi t-tabelli mill-karrozza. PC 3096 ukoll jikkonferma fil-kontro-eżami illi kien qal lill-esponenti sabiex ineħħi l-kartelluni. PS 426 xehed illi fit-8 ta' Awissu 2014 ġie infurmat illi kien hemm xi ħaġa qiegħda tiġri quddiem Kastilja, għal-kemm ma jgħidx x'kien qiegħed jiġri, iżda parkeġġ ħażin żgur m'huwiex xi ħaġa li għandha tingħata l-attenzjoni għax tkun xi ħaġa li qiegħda tiġri.

> »Il-pulizija jipprovaw jagħtu l-impressjoni illi l-esponenti ilmenta illi hu ma kienx qiegħed iħossu mentalment sewwa u li kellu xi problema mentali meta fir-rejaltà l-ewwel darba li ssemmiet li kien darba mar għand il-psikjatra kien proprju waqt li kien qiegħed jirilaxxa l-i*statement* lill-pulizija quddiem l-Ispettur James Grech wara li ġie mistoqsi speċiflkament jekk qatt mar għand psikjatra u f'dan il-ħin semma li kien mar għand Dr Mark Xuereb snin qabel. Il-fatt li wieħed imur jagħmel viżta għand tabib għax ikollu problema ma jfissirx li wieħed għandu problemi mentali. Li kieku kien hekk nistgħu ngħidu, kif ikkonferma l-istess Dr Xuereb, li kwart tal-populazzjoni għandhom problemi mentali għax f'xi ħin jew ieħor dawn ifittxu l-għajnuna ta' dawn it-tobba.
>
> »… … …«

9. Essenzjalment il-kwistjoni hi jekk il-pulizija mxietx kif imxiet mal-attur (i) għax riedet iżżommu milli jipprotesta fil-pubbliku, u hekk ixxekkillu l-jedd għal espressjoni ħielsa, jew (ii) għax kien qiegħed jikser il-liġi billi jipparkeġġja l-vettura fejn mhux suppost u ma obdiex l-ordnijiet li ngħatawlu u għax kien hemm biża' li l-kondizzjoni mentali tiegħu kienet ta' perikolu għalih u għal ħaddieħor. F'din it-tieni ipotesi tqum il-kwistjoni jekk il-miżuri li ħadet il-pulizija kinux proporzjonati mal-ħtieġa li jitneħħa l-perikolu.

10. Din il-qorti ma tarax li tista' ma taqbilx mal-ewwel qorti illi l-pre-okkupazzjoni tal-pulizija kienet li ssikket lill-attur aktar milli li żżommu milli jipparkeġġja bi ksur tal-liġi. Il-fatt biss illi l-karrozza tħalliet fejn kienet – parkeġġjata bi ksur tal-liġi – sakemm l-attur ittieħed l-għassa tal-pulizija u tneħħiet biss, mill-attur stess, wara li mar lura mill-għassa ġà hija indikazzjoni biżżejjed illi ma kinitx tant il-karrozza li ħassbet lill-pulizija daqskemm l-għemil tal-attur. Li mbagħad issejjaħ kontinġent sħiħ ta' pulizija sabiex tieħu persuna l-għassa tal-pulizija, tarrestaha u tinterrogaha għax ipparkeġġjat ħażin ċertament ma hijiex reazzjoni

proprozjonata mal-infrazzjoni amministrativa ta' parkeġġjar fejn mhux suppost.

11. Ix-xiehda turi illi l-pulizija kienet qiegħda tibża' mill-protesta siekta tal-attur – forsi wkoll għax saret quddiem l-uffiċċju tal-Prim'Ministru – u li ma xtaqitx li din il-protesta tingħata l-pubbliċità li kien qiegħed ifittex l-attur. Kien għalhekk li l-pulizija għamlet l-għalmu tagħha sabiex l-attur ifittex iwarrab minn quddiem il-Berġa ta' Kastilja. Ir-reazzjoni tal-pulizija – meta ppruvat tiġbed lill-attur biex iqum minn fuq it-taraġ tal-Berġa ta' Kastilja u jitlaq minn hemmhekk u sejħet lil diversi pulizija oħra u dan kollu sabiex iġġiegħel lill-attur appellat jobdi l-ordnijiet tagħha u jneħħi l-vettura tiegħu għax kienet ipparkjata ħażin – kienet waħda għal kollox sproporzjonata għall-għan leġittimu li ma tipper-mettix parkeġġjar f'post projbit. F'ċirkostanzi normali l-pulizija kienet sempliċement tħarrek lill-attur, forsi wkoll tirmonka l-vettura, u l-kwistjoni kienet tieqaf hemm.

12. Mandankollu, din il-qorti ma tistax ma tgħidx ukoll illi l-ewwel qorti kienet forsi xi ftit ħarxa aktar milli meħtieġ meta ċanfret lill-pulizija talli ħadet lill-attur fi sptar tal-moħħ bħallikieku għamlet hekk biss biex lill-attur tumiljah. Ma huwiex għalkollox irrelevanti illi l-attur stqarr mal-pulizija li kien taħt kura ta' psikjatra u li ma kienx qiegħed jieħu l-kura li l-psikjatra ordnalu. Meta l-attur qal lill-pulizija b'dan u kompla jgħid illi "Mhux qiegħed sewwa" effettivament kien qiegħed igħid "Oqgħod attent minni għax ma nafx nistax nikkontrolla l-imġieba tiegħi". Abbinat mal-fatt illi l-attur ma riedx li jkunu mgħarrfa l-membri tal-

familja tiegħu, dan it-tagħrif li ta l-attur dwar l-istat mentali tiegħu ma ħalliex wisq alternattivi lill-pulizija u lit-tobba li invistawh. Meta tqis li ma kellhomx tagħrif biżżejjed dwar l-istat mentali tassew tal-attur, ħlief li kien taħt il-kura ta' psikjatra u li ma kienx qiegħed jieħu l-kura li dan ordnalu, u li qal li "Mhux qiegħed sewwa", bl-implikazzjonijiet kollha li dan iġib miegħu, kienu forsi jkunu irresponsabbli l-pulizija u t-tobba li kieku ma żammewhx taħt osservazzjoni. Li kieku l-attur tħalla jitlaq u għamel xi ħsara lilu nnifsu jew lil ħaddieħor malajr kienet tissejjaħ il-pulizija biex tagħmel tajjeb għal dawn il-konsegwenzi tan-nuqqas tagħha. Li l-attur inżamm l-isptar taħt osservazzjoni kienet miżura prudenti ta' prekawzjoni u mhux miżura maħsuba biex tumiljah.

13. It-tagħrif dwar l-istat mentali tal-attur inkiseb wara li l-pulizija kienet ġà ħadet lill-attur fl-għassa biex tinterrogah, u għalhekk ma jiġġustifikax *ex post* il-miżura sproporzjonata li jittieħed l-għassa, iżda għandu jkollu relevanza għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni partikolarment meta tqis illi fattur ewlieni li wassal lill-ewwel qorti biex tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) kien "in partikolari l-umiljazzjoni li kellu jgħaddi minnha r-rikorrent, partikolarment meta spiċċa ttieħed l-Isptar *Monte Carmeli*". Dan ma jfissirx illi l-ebda kumpens ma għandu jingħata lill-attur – kif jippretendi l-konvenut fit-tielet aggravju tiegħu – iżda illi l-kumpens għandu jkun anqas minn kemm iddeċidiet l-ewwel qorti. Fil-fehma ta' din il-qorti kumpens ta' elf euro (€1,000) għandu jkun rimedju xieraq u biżżejjed fiċ-ċirkostanzi.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-Avukat Ġenerali u, minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni u teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju;

    ii. tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-jeddijiet tal-attur imħarsa taħt l-art. 41 tal-Kostituzzjoni u l-art. 10 tal-Konvenzjoni;

    iii. tħassarha fejn illikwidat il-kumpens li għandu jitħallas lill-attur fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) u, minflok, tillikwida l-kumpens fis-somma ta' elf euro (€1,000) u tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija jħallas lill-attur il-kumpens hekk likwidat.

15. L-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad u tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn ħamsa ($^1/_5$) jħallsu l-attur u erba' ishma minn ħamsa ($^4/_5$) jħallashom il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df